# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 80

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80

L-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina u tas-Sur Conrad Borg Manché u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

80.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 79 li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2017 kienu meħuda bħala moqrija.

80.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, u sekondati mis-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli.

## 80.3 Komunikazzjoni mill-President

80.3.1 Is-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri preżenti li peress li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun is-Sur Raymond Zammit u s-Sinjura Elizabeth Vassallo ma setgħux jattendu għall-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea, bagħatet diversi e-mails sabiex tiġi stabbilita data alternattiva. Peress li ma kien hemm l-ebda tweġiba mmedjata mingħand dawn iż-żewġ rappreżentanti dwar id-dati proposti, din il-laqgħa ma setatx issir.

80.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, żiedet tgħid li f'waħda mir-risposti tas-Sinjura Elizabeth Vassallo, hija kienet ġiet infurmata li ħafna mill-problemi għadhom qedin jiġu diskussi mal-Ministru u li għal din ir-raġuni s-Sinjura Vassallo għandha tiskeda laqgħa hekk kif ikollha aktar direzzjoni.

80.3.3 Is-Sur Michael Fenech Adami ppreżenta aġġornament fuq il-ġbir tal-flus tal-multi pendenti. Għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet l-lista tal-kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun lil kull Sindku jew rapreżżentant b'mod individwali, s'issa ntbagħtu l-ittri legali fuq dawk il-kontravenzjonijiet li nħarġu fuq Ħ'Attard, Birkirkirkara, San Ġiljan. Qedin jiġu preparati dawk ta' Ħal Lija, Ħal Balzan, il-Pietà, Sliema, l-Imsida, u l-Iklin. Il-Kunsilli Lokali tal-Gżira, San Ġwann, Ta' Xbiex u Santa Venera għadhom irridu jgħaddu d-deċizjoni tagħhom lil dan ir-Reġjun.

80.3.4 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, irringrazzja lil President talli ressaq id-dokumenti tal-multi pendenti fil-laqgħa preċedenti u spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu jixtieq jipproċedi b'sekwestri fuq dawk il-persuni li għandhom ammont sostanzjali ta' kontravenzjonijiet, jekk dawn il-persuni jibqgħu ma jħallsux l-ammonti dovuti.

80.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li għadha qed tistenna spjegazzjoni mingħand l-avukat, Dott. Richard Sladden, dwar il-proċess u l-ispejjeż involuti. L-informazzjoni kollha ser titressaq fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

80.3.6 Il-President, is-Sur Fenech Adami, spjega li matul il-ġimgħa li għaddiet dan ir-Reġjun kien qed jirċievi diversi telefonati mingħand nies dwar vetturi li kienu ġew skrapjati u l-multi fuq il-vettura kien qed jibqgħu pendenti. Hu spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, tkelmet mat-Transport Malta kif ukoll mas-Sinjura Elizabeth Vassalli (LESA) dwar dan. Is-Sinjura Vassallo kkonfermat li fil-preżent TM qed tapprova l-iskrapjar tal-vettura avolja jkun hemm multi pendenti. Is-Sinjura Vassallo kkonfermat ukoll li dan ir-R**eġjun huwa legalment korrett li jinsisti fuq dawn il-**

ħlasijiet kif ukoll spjegat li qed isiru diskussjonijiet bejn il-LESA u TM sabiex din is-sistema tinbidel.

80.3.7 *5:34pm – Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, waslet għal din il-laqgħa.*

80.3.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun ġie mistieden għal laqgħa ta' introduzzjoni li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2017 fejn għaliha kien preżenti hu bħala l-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun. Is-Sur Natalino Attard flimkien mas-Sur Robert Tabone spjegaw li huma kienu ressqu applikazzjoni taħt 'EEA and Norwegian Financial Mechanisms 2014 – 2021 Preliminary Information: Pre-defined Project'.

80.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri li koppja ta' din l-applikazzjoni ġiet preżentata lil kull membru preżenti

80.3.10 Il-President, is-Sur Fenech Adami, kompla jispjega kif dan il-programm ser ikun immirrat għal lokalitajiet – Xlokk (Bormla, Fgura, Furjana, Ħal Luqa, Ħaż Żabbar, Kalkara, Marsa, Raħal Ġdid, Santa Luċija, Isla, Ħal Tarxien, il-Belt Valletta, Birgu u Xagħjra) u Reġjun Ċentru (Birkirkara, Gżira, Ħamrun, Msida, Pembroke, Tal-Pieta, San Ġiljan, Santa Venera, tas-SLiema, Swieqi u ta' Xbiex). Għada ser issir il-laqgħa uffiċċjali mar-Rapreżentanti Norveġizi ġewwa l-Forti Sant Anġlu, l-Birgu.

80.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, żiedet tgħid li waqt il-laqgħa is-Sur Robert Tabone kien ġibed l-attenzjoni li Ħal Lija hija waħda mill-lokalitajiet li ser tkun tistà tapplika għal dawn il-fondi u għal din ir-raġuni hija talbet konfermazzjoni bil-miktub. Peress li s-Sur Tabone kien għadu ma rrispondix lura, is-Sinjura Galea nfurmat lill-membri li kif tingħata risposta, ser tinforma lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija mmedjatament.

80.3.12 *5:44pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, wasal għal din il-laqgħa.*

80.3.13 Il-membri preżenti bdew jiddiskutu dwar kif il-Kunsilli konċernati għandhom japplikaw għal dawn il-fondi.

80.3.14 *5:47pm – Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa*

## 80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

80.4.1 Il-Kunsillier ta' Sliema, is-Sur Paul Radmilli, staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bye laws li kienu ġew diskussi ma' l-Avukat, Dott. Richard Sladden.

80.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li kien m'għadx hemm risposta mingħand l-avukat u għal din ir-raġuni kienet ser tkelmu sabiex jingħata aġġornament fil-laqgħa tar-Regjun li jmiss.

80.4.3 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 80.5 Rapporti – Preżentazzjoni tad-Dokument 'ESC Plan'

80.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun huwa l-unika Reġjun li lesta u ppreżenta r-rapport fid-dati stipulati. Għal din ir-raġuni, ġew mistidnin is-Sinjura Valerie Visanich, is-soċjologa li għamlet l-istudju w r-riċerka, flimkien mas-Sinjura Danielle Hillsman bħala rapreżentanta minn PKF Malta.

80.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għaddiet kopja ta' dan l-istudju lil kull rapreżentant sabiex ikun jistà jintuża mill-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Reġjun.

80.5.3 Is-Sinjura Visanich tat spjegazzjoni dettaljata tar-rapport u kif saret ir-riċerka sabiex tiġi ppreżentata l-informazzjoni u sabiex wieħed ikollu stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja, kulturali u soċjali li teżisti fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

80.5.4 ***06:02pm – is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, flimkien mal-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli waslu għal din il-laqgħa.***

80.5.5 ***06:08pm – il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, skuża ruħu mill-laqgħa.***

80.5.6 Il-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, xtaq jiġbed l-attenzjoni dwar is-suġġeriment li jkun hemm persuna mqabda biex tgħin lir-Reġjun kif ukoll lill-Kunsilli Lokali sabiex japplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropeja.

80.5.7 Is-Sur Radmilli spjega li għal dan il-għan diġa hemm il-MEUSAC li toffri dan is-servizz. Ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali għandhom bżonn ta' persuni li jkunu jistgħu jagħmlu *action plans*. Biex dan l-*action plan* jiġi żviluppat, kull Reġjun irid ikollu grupp ta' esperti li jkun jikkonsisti f'periti, soċjoloġi, avukati, u fejn dawn ikunu miġburin kollha taħt umbrella waħda bħala 'Developing Agencies'. Huwa insista li wasal iż-żmien li wieħed imur lil hinn mill-kunċett tal-MEUSAC.

80.5.8 Tqajmet diskussjoni bejn il-membri dwar il-libreriji li jinstabu fil-preżent u dwar il-bżonn li tinħoloq *mobile library* sabiex tkun tistà tilħaq aktar nies.

80.5.9 Is-Soċjologa, Ms Visanich, spjegat li l-akbar problema li tinsab f'dan ir-Reġjun hija l-esklużjoni soċjali fejn wieħed isib l-anzjani li qedin jiġu mwarba minħabba l-*aging population*, kif ukoll it-tfal. Hija spjegat li l-problema mhix waħda ta' flus imma fejn l-bżonnijiet neċessarji mhux qed jiġu mħarsa.

80.5.10 ***6:47pm – Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, skuża ruħu mill-laqgħa.***

80.5.11 Il-President staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet oħra mill-membri preżenti.

80.5.12 Peress li ħadd ma kellu aktar domandi, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja liż-żewġ rappreżentanti talli taw l-ispjegazzjoni dettaljata u tax-xogħol tajjeb li kien ġie preżentat. Huwa ssuġġerixxa li tkun idea tajba li għandha ssir laqgħa mal-partiti politiċi fejn dawn ir-rapport jiġi ppreżentat.

80.5.13 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

## 80.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

- ***Tender mal-Guad and Warden Service House Ltd.***

80.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri kif nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 issejħet laqgħa fejn għaliha kien hemm preżenti hu flimkien ma' Dott. Sladden bħala rappreżentanti mir-Reġjun.

80.6.2 F'din il-laqgħa Dott Sladden spjega li peress li l-kuntratt kien skadut, it-tiġdid tal-kuntratt kellu jsir sitt xhur qabel d-data ta' l-għeluq. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil bejn il-persuni preżenti ta' din il-laqgħa sabiex l-ebda kuntratt mhu ser jiġi ffirmat peress li legalment dan ir-Reġjun ma kienx ser ikun legalment korret.

80.6.3 L-avukata tad-Dipartiment, Dott. Silvio, ser tevalwa s-sitwazzjoni u jgħatuna direzzjoni aktar 'l quddiem.

- *Kwotazzjonijiet*

80.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri li s-siġġu ta' l-impjegat Ian Magro nkiser u għal din ir-raġuni qed titressaq kwotazzjoni mingħand Oxford House sabiex jinxtara siġġu ieħor. Għal din ir-raġuni is-siġġu l-miksur ser jitnaqqas mill-*Fixed Asset Registry*.

80.6.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

80.6.6 Il-President informa lill-membri li wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segtrearju Eżekuttiv ġabet kwotazzjoni ta' ħgieġa mingħand Andrew Vassallo u Float Glass. u dan ir-Reġjun ordna li tinxtara ħgieġa mingħand Float Glass għal prezz ta' €140.00.

80.6.7 Il-membri tar-Reġjun unanimament qablu li għandha tinxtara mingħand il-Float Glass għal prezz ta' €140.00.

80.6.8 Il-President ressaq kwotazzjoni mingħand Gauci Borda sabiex jinxtraw tliet bnadar żgħar għal prezz ta' €158.

80.6.9 Il-membri unanimament qabel dwar dan.

80.6.10 Il-President ressaq kwptazzjoni sabiex tinxtara *flower arrangement* żgħir għal prezz ta' €40 mingħand is-Sinjura Scerri.

80.6.11 Il-membri unanimament qablu dwar dan.

- *Aġġornament fuq il-laqgha Annwali Regjonali 2017*

80.6.12 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li din is-sena l-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 6 ta' Mejju 2017 fis-sala parrokjali ta' Ħ'Attard bejn id-9 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa bagħtet e-mail lill-On. Owen Bonnici, lill-On Stefan Buontempo, lid-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard, lid-Direttur tal-Gvern lokali, monitoraġġ u support, is-Sur Adrian Mifsud, kif ukoll lil President ta' l-AKL, Dr Marc Sant, bid-dettalji ta' din l-laqgha. Dott. Stefan Buontempo u Dott. Marc Sant infurmawna li mhux ser ikunu jistgħu jattendu minħabba impenji oħra. Filwaqt li s-Sur David Agius, u s-Sur Adrian Mifsud ikkonfermaw l-attendenza taghhom.

- *RSS Ltd.*

80.6.13 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lil membri preżenti li minn nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017 l-RSS Ltd bagħtet ħaddiem ġdid - is-Sur Raymond Mallia - biex jingħaqad mal-kumplament tal-ħaddiema ta' l-RSS biex b'hekk kull Reġjun issa għandu tliet ħaddiema kull wieħed.

80.6.14 Huwa spjega kif fil-preżent il-ħaddiema qed jgħamlu perjodu ta' tliet ġimgħat għand il-Kunsill Lokali li jkun ressaq it-talba tiegħu. Fil-preżent dawn il-ħaddiema qedin jaħdmu fil-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u wara skedati biex imorru fil-Kunsill Lokali ta' l-Imsida.

80.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, appellat sabiex dawn il-ħaddiema jservu ta' għajnuna fuq xogħolijiet li jkunu qedin isiru mill-ħaddiema tal-RSS li għandu kull Kunsill Lokali u mhux biex jagħmlu x-xogħol minflokom. Apparti minn hekk peress li t-talbiet mill-Kunsilli Lokali għal dawn il-ħaddiema żdiedu, dawn il-ħaddiema qed jingħataw lill kull Kunsill Lokali għal perjodu ta' tliet ġimgħat.

- *Kera tal-Garaxx f'Baħar iċ-Ċagħaq*

80.6.16 Dan ir-Reġjun talab lis-Sid ta' dan il-garaxx, lis-Sur George Seychel, biex jgħidilna l-ammont sabiex dan ir-Reġjun jerġa jikrieħ għal sentejn oħra. Il-Prezz għal perjodu ta' sentejn huwa dak ta €3,500

fis-sena. U jekk ir-Reġjun jixtieq jagħmel kuntratt fuq tliet snien, il-ħlas tat-tielet sena tkun ta' €4,000.

80.6.17 Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex il-garaxx jinkera għal perjodu ta' tliet snien.

- *Risk assessment*

80.6.18 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li dan ir-Reġjun ġie infurmat li l-ebda Kunsill Lokali taħt dan ir-Reġjun ma pproċeda bil-kwotazzjoni ppreżentata f'Settembru 2016 mingħand il-kumpanija A.M.E. Health & Safety. Għal din ir-raġuni S-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex l-A.M.E tipprovdi kwotazzjoni għal risk assessment għal kull Kunsill Lokali. L-ispiża għal kull Kunsill Lokali hija ta' €430.00 għal perjodu ta' sentejn. L-ispiża globali kieku kellu jħallas r-Reġjun tammonta għal €4760 – u għalhekk ikun hemm bżonn talba għall-offerti. Peress li dan l-eżerċizzju għandu jsir immedjatamant mill-Kunsill Lokali, jinħtieġ li l-ispiża tinħareġ minn kull Kunsill Lokal. Għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun jixtieq l-approvazzjoni sabiex isir ir-risk assessment fl-uffiċċju amministrattiv kif ukoll fl-uffiċċju tat-tribunal.

80.6.19 Il-Membri preżenti qablu unanimament dwar dan.

## 80.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

80.7.1 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 78A u 78B.

80.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 80.8 Mozzjonijiet

80.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 80.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

80.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:06pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 ta' April 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 19 ta' April, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |